**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 77/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rodrick Agius)**

**vs.**

**Elton Theuma**

Illum it-12 ta' Ottubru 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq Elton Theuma, bin Anthony u Helen nee' Borg imwieled il-Pieta f- 10.08.1974 u li joqghod, Godbless, Triq Marco Montebello,Hal-Qormi detentur tal-karta tal-identita' 356174M

akkuzat talli: fil-31 ta' Marzu 2018 ghall-habta tal-11:15hrs gewwa Triq L-Imdina, Hal-Qormi u f' dawn il-Gzejjer bil- hsieb li taghmel ferita ta' natura gravi fuq Yuksel Koyuncu u/jew persuni ohra urejt dan il- hsieb b' atti esterni

u tat bidu ghall- ezekuzzjoni ta' dan id- delitt liema delitt ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill- volonta tieghu.

2 U aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi ikkagunajt griehi ta' natura hafifa fuq Yuksel Koyuncu u/jew persuna ohra hekk kif iccertifika Dr. David Fenech Med Reg 2555.

3. U aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi soqt vettura bin-numru ta' registrazzjoni HEL 023 b'mod perikoluz u traskurat.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippresjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar id-9 ta' Ottubru 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe'[3]:

a. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 221(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Folio 15 u 19 ta' l-atti processwali
[2] Folio 7-9 ta' l-atti processwali
[3] Folio 124 ta' l-atti processwali

e. Fl-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata 15 ta' Ottubru 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[4]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-22 ta' Frar 2021.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-22 ta' Frar 2021.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2021.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

[4] Folio 125 ta' l-atti processwali

Illi dan il-kaz irrizulta meta nhar il-31 ta' Marzu 2018, gie rapportat lill-pulizija li kien sehh incident fi Triq l-Imdina, Hal-Qormi, li kien eskala u rrizulta fl-imputat jikkaguna griehi fuq certu Yuksel Koyuncu billi tah daqqa ta' ponn u saq ghal fuqu.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2019 xehed **PS 610 Mark Anthony Spiteri** stazzjonat fl-Għassa Ħal Qormi. Dan spjega li nhar il-31 ta' Marzu 2018 għall-ħabta tas-13:00hrs kienu daħlu zewg persuni ġewwa l-Għassa li kienu jidhru daqsxejn aġitati minħabba li allegatament kien seħħ argument bejniethom. Dawn il-persuni kienu Elton Theuma u Juksel Koyuncu. Theuma kien stqarr li Koyuncu kien intefalu quddiem il-karozza x'ħin mar biex isuq u mill-banda l-ohra, Koyuncu stqarr li Theuma kien prova jsuq ghal fuqu apposta. Il-Pulizija wara marret fuq il-post fejn irrizulta li kien hemm certu Lydia Sant li kienet rat l-incident. Skont din, is-sewwieq ta' vettura Daewoo bin-numru ra' registrazzjoni HBL-023 kien ħareġ għall-persuna l-oħra fejn dan kien imbuttah u daħal ġol-karozza u kien saq lejh. Jidher li l-aggressur kien Elton Theuma. Minn naha tieghu, ix-xhud ma kienx involut ulterjorment fl-investigazzjoni.

Fl-istess seduta xehed l**-Ispettur Roderick Agius**, stazzjonat l-Għassa Ħal Qormi li stqarr li nhar il-31 ta' Marzu 2018 ghall-habta tas-13:00 kien gie nfurmat minn PS 610 Mark Anthony Spiteri li kien hemm inċident li seħħ ġewwa Mdina Road, Ħal Qormi, fejn il-persuni involuti, Elton Theuma u Juksel Koyuncu, waqfu bil-vetturi taghhom u ġew fl-idejn. Koyuncu lmenta li Theuma kien ipprova jinvestih bil-karozza apposta. Jidher li l-argument kellu

x'jaqsam ms-sewqan. Minn investigazzjonijiet li saru irrizulta li l-vettura li kienet ser tinvesti lil Koyuncu kienet misjuqa minn Theuma. Ix-xhud tkellem ma certu Lydia Sant, xhud okulari, u eventwalment, fit-3 ta' Frar 2019, ha l-istqarrija ta' Elton Theuma wara li dan ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Malcolm Mifsud. Theuma kien ikkonferma l-verzjoni li kien ta originarjament fis-sens li Koyuncu kien intefalu quddiem il-vettura tiegħu u beda jieħu xi ritratti lill-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura. Minhabba li Koyuncu dahhal idejh fil-but, Theuma stqarr li huwa beża' li kien ħa joħroġ xi arma u allura saq minn fuq il-post izda laqat lil Koyuncu bil-ġenb tal-karozza kemm kemm tant li Koyuncu baqa' bilwieqfa. Ix-xhud irrileva li Lydia Sant kienet stqarret li l-vittma kien waqa' mal-art u tkaxkar għal diversi metri u allura ra li kien hemm kuntrast fil-verzjonijiet.

Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2019 xehed **Juksel Koyuncu**, bil-lingwa Ingliza. Huwa xorta ghazel li jixhed wara li gie mgharraf bid-dritt tieghu li ma jixhidx jekk ihoss li jista' jinkrimina ruhu, madankollu ghazel li jixhed. Stqarr li meta sehh l-incident, huwa kien qed isuq bil-mod minn Hal Qormi lejn Hal Luqa u meta wasal hdejn il-*petrol station*, is-sewwieq tal-karozza ta' ma genbu hareg ghalih mill-karozza u beda jghajjat u joffendih. Ix-xhud gharaf lil dan il-persuna bhala l-imputat Elton Theuma. Meta x-xhud qal lil Theuma li kien ser icempel lill-Pulizija, dan fajjarlu daqqa ta' ponn f'sidru. Wara dan, ix-xhud prova jiehu ritratt tal-pjanca tar-registrazzjoni tal-karozza ta' Theuma imma f'daqqa wahda dan prova jtajjru bil-karozza apposta. Ix-xhud prova jaqbez biex jiskapula l-vettura izda intlaqat f'siequ. Theuma imbaghad baqa' sejjer minn fuq il-post. Hekk kif mar jaghmel rapport l-Ghassa, ix-xhud sab lil Theuma hemmek diga`. Ix-xhud ikkonferma ukoll li kien mar fic-Centru tas-Sahha flimkien fejn kien gie rilaxxjat certifikat dwar il-griehi li kien sofra. Sas-seduta, ix-xhud kien irkupra mill-griehi u qatt ma rega' kellu kuntatt mal-imputat. In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li jista' jkun li ftit qabel ma sehh l-

incident kien hemm xi karozza jew karozzi li bdew ipaqpqu. Spjega li kien biss wara li hareg ghalih l-imputat li huwa hareg ukoll mill-vettura tieghu, fis-sens li kien it-tieni wiehed li hareg, u ma qal xejn ghajr li kien ser icempel lill-Pulizija minhabba l-atteggjament aggressiv tal-imputat. Innega li kien hu li hareg ghal Theuma u mar quddiem il-karozza tieghu filwaqt li spjega li l-uniku mument li huwa kien quddiem il-karozza ta' Theuma kien biex jigbed ritratt tan-numru ta' registrazzjoni u f'dak il-hin Theuma kien ghadu barra, jigifieri kien impossibbli li huwa jsuq. Ix-xhud spjega li l-imputat kien qed isuq mal-genb tieghu fuq ix-xellug u x'aktarx li ma kien hemm xejn quddiemu tant li meta waqfu, kien qed jinblokkalu t-triq.

Fl-istess seduta xehdet **Lydia Sant**. Hija stqarret li kienet rat zewg karozzi jahbtu u wara hargu zewg irgiel, fejn wiehed ta daqqa lill-iehor f'sidru. Wara li qala' d-daqqa, dan tal-ahhar ma rritaljax izda hareg il-*mobile* biex icempel u mexa quddiem iz-zewg karozzi b'dahru lejhom. F'daqqa wahda l-iehor dahal fil-karozza u prova jsuq ghal fuqu. Ix-xhud rat lill-vittma jtir minn fuq il-*bonnett* u jaqa' mal-art. Hija rat dan isehh waqt li kienet fil-karozza flimkien ma zewgha fit-traffiku u skont hi, kien sehh impatt bejn iz-zewg karozzi meta wiehed minnhom hareg minn triq tal-genb u laqat lill-iehor. Ix-xhud identifikat l-aggressur bhala l-imputat Elton Theuma. In kontro ezami, ix-xhud stqarret li ma kienitx taf min kien hareg l-ewwel mill-karozza u spjegat li l-impatt bejn il-vetturi tal-aggressur u l-vittma ma kienx kbir imma biss hakka bi zbrixx.

Fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2020 xehed **Mario Sant**. Fil-jum tal-incident, li kien jum ta' festa, wara nofsinhar, huwa kien qed isuq minn Haz Zebbug lejn Hal Qormi fejn huwa ra ssehh habta fejn zewg karozzi zghar li resqu vicin hafna ma xulxin u messew. Kienu hargu tnejn minn nies u kien hemm kommossjoni. Waqt li tal-karozza ta' wara kien qed jaghmel xi telefonata, dak tal-karozza ta'

quddiem saq ghal fuqu u laqtu u wara baqa' sejjer minn fuq il-post. Ix-xhud ftakar li l-persuna involuti kienu wiehed ta' statura kbira filwaqt li l-iehor kellu statura izghar. Wara li ra l-incident huwa kien cempel lill-Pulizija fejn informahom b'dak li kien ra jsehh. In kontro-ezami, ix-xhud spjega li waqt li sehh l-incident, huwa kien fit-traffiku u kien f'boghod ta' madwar 15-il metru mill-kommossjoni. Il-karozzi tal-persuni nvoluti kienu hdejn xulxin u jidher li kienu ntrassu f'dik il-parti fejn it-triq tidjieq. Ix-xhud ma kienx jiftakar minn mill-persuni kien hareg l-ewwel mill-karozza u spega kif l-affarijiet graw malajr hafna. Mistoqsi jekk kienx hemm tpaqpiq qabel sehh l-incident, ix-xhud qal li jista' jkun izda mhux wisq.

Fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020 xehed **Dr David Fenech** addett fil-Qormi Health Centre. Huwa kkonferma li nhar il-31 ta' Marzu 2018 huwa kien invista lill-Juksel Koyuncu, u ccertifika li dan kellu roqgha ta' hmura ta' madwar hames centimetri lejn nofs sidru u kien mugugh. Kellu ukoll xi grif fil-gilda, fil-minkeb tal-lemin u fil-pexxun tal-lemin. Dawn il-griehi gew certifikati bhala hfief salv kumplikazzjonijiet. Dwar il-kawza tal-hmura, ix-xhud ma eskludiex li dawn setghu kienu per konsegwenza ta' xi daqqiet li garrab.

Fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 xehed **l-imputat Elton Theuma**. Huwa stqarr li dakinhar tal-incident, kien qed isuq minn hdejn il-fabbrika tal-Coca Cola l-antika u giet karozza minn wara u s-sewwieq taghha l-ewwel beda jpaqpaqlu u imbaghad hareg rasu mit-tieqa joffendih. Il-karozzi waqfu vicin xulxin, b'dik tal-imputat ftit 'il quddiem minn tal-parte civile u l-imputat nizel mill-karozza biex jara x'kien gara. Il-parte civile hareg ukoll u qabad jimbotta lill-imputat u joffendieh bit-taljan u f'hin minnhom, rah ser idahhal idejh fil-but qisu biex johrog xi haga. Ma dan, l-imputat beza' u dahal lura fil-karozza tieghu li kienet ghadha startjata. Hekk kif kien ser isuq biex imur l-Ghassa, il-

parte civile intefa' mal-*mudguard* tal-karozza izda minkejja dan, l-imputat saq xorta ghax kien qed jibza'. X'hin hares mill-mera, ra li l-parte civile kien ghadu bilwieqfa. L-imputat rega' afferma li minn fuq il-post, huwa baqa' sejjer direttament l-Ghassa, tant li imbaghad hemmhekk rega' ltaqa' mal-parte civile. Fuq mistoqsija tal-Qorti, l-imputat stqarr li huwa ma kienx ra arma f'idejn il-parte civile imma dak il-hin huwa beza' u dahal jigri lura fil-karozza u meta saq, huwa ghamel hekk bl-intenzjoni li jitlaq minn fuq il-post u mhux li b'xi mod jolqot u jidrob lill-parte civile. In rigward tal-glied bl-idejn, l-imputat afferma li huwa ma kienx refa' idu fuq il-parte civile izda kien dan li mbuttah u stqarr ukoll li huwa ma kienx saq ghal fuqu izda l-parte civile intefa' huwa stess mal-*mudguard* tal-karozza u xorta baqa' fuq saqajh wara li l-karozza kienet imxiet 'il quddiem. In kontro-ezami, l-imputat stqarr li huwa ma kienx ra lill-parte civile johrog xi mobile minn gol-but. Ma kienx kapaci jispjega kif il-parte civile garrab griehi fil-pexxun ta' siequ.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni**

Mix-xhieda ta' PS 610 Mark Anthony Spiteri irrizulta li dakinhar kien prezenti meta sehh argument waqt li kienu gewwa l-ghassa bejn zewg persuni li kienu agitati u kellhom jigu mifrudin. Ir-raguni ghalfejn sehh l-argument kien minhabba li qabel kellhom incident fit-triq fejn kienu waqfu f'nofs ta' triq u wara li s-sitwazzjoni eskalat, il-parte civile inxtehtet fuq il-vettura ta' l-imputat, u l-imputat qabad u saq ghal fuqu. Meta investigaw il-pulizija, kienu tkellmu ma certu Lydia Sant. Din informathom li kienet rat kollox *"hija kienet*

*rat lill-persuna verament isuq fuq il-persuna li evitah u mbaghad isuq fuq il-persuna l-ohra b'intenzjoni."*[5]

Din il-persuna li rat l-incident infurmat lill-pulizija li l-vettura kienet ta' l-ghamla Daewoo bin-numru tar-registrazzjoni HBL 023. Stqarret li x-xufier ta' din il-karozza kien hareg ghall-persuna ohra, fejn dan kien imbuttah u dahal gol-karozza u kien saq lejh.

Meta x-xhud kien mistoqsi jekk kienx informat minn Lydia Sant minn saq fil-konfront ta' min u min laqat lil min, ix-xhud wiegeb:

*"Skond ix-xhieda u skont il-verzjoni taghhom, Elton Theuma kien saq fuq Juxel."*[6]

Ikonferma wkoll li hu pesonalment qatt ma kien kellem lill-imputat.

Illi din ix-xhieda giet ikkoroborata mix-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Spiteri. L-Ispettur Spiteri spejga li dan l-incident sehh ghaliex *"kien hemm argument li ghandu x'jaqsam mas-sewqan emm fit-triq u kien hemm wiehed jargumenta mal-iehor u kien hemm xi skambju ta' kliem verbali emm bejniethom u waslu ghal dawn l-affarijiet."*[7]

Ix-xhud ikkonferma wkoll li meta kien tkellem ma Lydia Sant *"hija kienet cara fil-verzjoni taghha ta' dak li rat hemm u kkonfermat bhal ma kkonfermat l-ewwel darba mal-Pulizija illi l-persuna li ttajret li hija rat, li hija rat tigi mtajra hemm kienet waqghet mal-art u tkaxkret ghal diversi metri."*

Ikompli jghid:

[5] Folio 22 ta' l-atti processwali
[6] Folio 22 ta' l-atti processwali
[7] Folio 28 ta' l-atti processwali

*"Jigifieri hemmhekk rajt id-diskrepanza bejn il-verzjoni tal-imputat Elton Theuma u d-diskrepanza, u l-verzjoni tax-xhud okulari illi hemm rat l-affarijiet jigru u qed tghidli l-verzjoni ta' dak li rat hi personali."*[8]

Mir-rapport tal-pulizija bir-referenza NPS 2/C/947/2018[9] irrizulta li l-imputat kien qed isuq vettura tal-ghamla Daewoo bin-numru tar-registrazzjoni HEL023 u li l-vittma Yuksel Koyuncu kien qed issuq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni ACG418.

Mill-istess rapport irrizulta li l-verzjoni ta' certu Lydia Sant ittiehdet fejn din stqarret:

*"Kienu quddiemi HEL023, hareg ghalih, imbuttah bis-sahha, dahal gol-karozza u saq 'on purpose' bis-sahha u laqat lil persuna, waqa fuq il-bonnet u rrolja."*[10]

Ix-xhud Lydia Sant tressqet mill-prosekuzzjoni sabiex taghti x-xhieda taghha *viva voce* quddiem il-Qorti. Mix-xhieda taghha irrizulta li hi kienet inzertat fuq il-post meta sehh l-incident. Ix-xhud ma kinitx taf ebda wahda mill-persuni involuti u rrakontat dak li rat waqt li kienet ghaddejja mill-istess triq minn gewwa l-karozza taghha.

Ix-xhud stqarret:

*"Kien hemm zewg karozzi habtu ezatt quddiemna, hargu tnejn min-nies zewgt irgiel u eh, hemm wiehed ghamel hekk fuq sider l-iehor. L-iehor ma rritljax lura u qabad il-mobile kien ha jcempel u mexa quddiem iz-zewg karozzi b'dahru lejn il-karozzi u dahru lejna wkoll ghax ahna konna qeghdin ezatt warajhom. Heqq il-persuna l-ohra dahlet fil-karozza u saqet ghal fuqu u rajnih itir minn fuq il-bonnett u jaqa' fl-art, so ghalhekk irrapurtajt.*[11]

Tkompli tghid:

[8] Folio 30 ta' l-atti processwali
[9] Folio 24-26 ta' l-atti processwali
[10] Folio 26 ta' l-atti processwali
[11] Folio 70 ta' l-atti processwali

*"l-iehor ma rritaljax, qabad il-mobile u beda jcempel u mexa quddiem il-karozzi li kienu mahbutin b'dahru lejn il-karozzi u lejn it-traffiku kollu qed icempel."*[12]

Waqt ix-xhieda taghha x-xhud kienet kapaci taghraf lill-parte civile bhala l-persuna li qalghet id-daqqa ta' ponn u ttajret mil-karozza, kif ukoll li gharfet lill-imputat bhala l-persuna li ta d-daqqa u saq ghal fuq il-parte civile.

In kontro ezami, ix-xhud ikkonfermat li kien hemm it-traffiku f'dik il-parti tat-triq, izda ma tiftakarx li kien hemm xi daqq ta' *horns* ghalkemm kienet possibli.[13]

Stqarret ukoll in kontro ezami li l-parte civile:

*"Marret quddiem il-karozzi b'daharha lejn il-karozzi, so din il-persuna mhiex qed tirrealizza x'qed isir warajha. Just qed icempel b'daharha kompletament lejn il-karozzi."*[14]

Il-prosekuzzjoni resqet ukoll lil Mario Sant bhal xhud okkulari li inserta kien presenti meta sar l-incident u huwa r-ragel tax-xhud Lydia Sant.

Ix-xhud stqarr:

*"waqfu l-karozzi, hargu tnejn min-nies, kien hemm ftit, qisha kommossjoni, hekk, wiehed minn dawn tal-karozzi, li kien tal-karozza ta' wara, mar fuq quddiem, jaghmel xi telefonata, il-persuna l-ohra, dahlet fil-karozza, saqet u laqtet, lilll-persuna li kienet qed taghmel it-telefonata, u waqghet fil-gemb u l-karozza baqghet sejra."*[15]

In kontro ezami, x-xhud ikkonferma li z-zewg karozzi kienu kwazi hdejn xulxin.

[12] Folio 71 ta' l-atti processwali
[13] Folio 77 ta' l-atti processwali
[14] Folio 80 ta' l-atti processwali
[15] Folio 99-100 ta' l-atti processwali

*"Wiehed kien miexi, jigifieri, fuq lane, u l-iehor, biex nghid hekk, qisu dahal, dahal quddiem, hekk, u, rassu, rassu lil xulxin."*[16]

In kontro ezami rega' tenna l-fatti kif kien diga ddeskrivihom

*"Ha nghidlek, ha nerga' nirrepeti l-kaz kif kien. Mela, waqfu zewg karozzi, hargu tnejn mill-karozzi, kien hemm daqsxejn ta' argument, wiehed mar quddiem il-karozza biex icempel, fis-sens, mexa u jcempel, persuna l-ohra, dahlet fil-karozza, u saqet."*[17]

Il-prosekuzzjoni esebit certifikat mediku mahrug nhar il-31 ta' Marzu 2018 mit-tabib Dr. David Fenech MD Med Reg: 2555 maghmul mic-centru tas-Sahha gewwa l-Floriana.

Illi dan ic-certifikat jikkonstata l-griehi bhala hfief sakemm ma jinqghalux kumplikazzjonijiet.[18] Illi f'dan ic-certifikat hemm indikat li kien hemm hmura fin-nofs tas-sider, grif fil-gilda fil-minkeb tal-lemin u hmura fil-pexxul tal-lemin.

It-tabib Dr. David Fenech sussegwentement ikkonferma dan ic-certifikat viva voce quddiem il-Qorti.[19]

<u>Il-verzjoni tal-vittma</u>

Meta kien sehh l-incident, il-pulizija kienu tkellmu mal-vittma li stqarr maghhom:

*"We where going down and on my way he just drove in front of me. He blocked the road and started shouting and then when he saw me speaking in English and saw me taking (trying) to take a picture of his number plate, he just drove off on me while I was in front of the car. He hit me with his car twice and he kept going gas down."*[20]

[16] Folio 103 ta' l-atti processwali
[17] Folio 107 ta' l-atti processwali
[18] Dok RA1, Folio 68 ta' l-atti processwali
[19] Folio 116-118 ta' l-atti processwali
[20] Folio 25 ta' l-atti processwali

Il-vittma, Yuksel Koyuncu, sussegwentement, xehed bil-gurmanet viva voce quddiem il-Qorti wara li kien inghata d-dritt li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu.

Ix-xhud irrileva li kien nhar ta' Hadd filghodu u kien qed isuq minn Hal-Qormi sa Luqa ghax-xoghol tieghu. Waqt li t-traffic kien stagnat, xi hadd beda jghajjat mieghu u lanqas induna li kien ghalih u hareg ghalih u beda joffendieh.

Mistoqsi ghalfejn l-imputat kien qed jghajjat mieghu stqarr:

*"I didn't know and then I said I don't want to speak with you I will call the police, you speak with the police. He said you don't speak with the police, you speak with me he punch on my chest.*

…

*And then I went on the front of the car not to run away I take a picture and he drive on me and hit me and ran away and then I found him in the police station afterwards."*[21]

Skond il-verzjoni tal-parte civile, wara li l-imputat laqtu bil-karozza ghafas il-gass u baqa' sejjer. Bhala konsegwenza tad-daqqa ta' ponn u talli saq ghal fuqu, il-vittma korra u sofra griehi f'saqajh u kellu jattendi ghand tabib ghall-kura.

In kontro ezami, ix-xhud tenna li ma semghax xi *horn* idoqq ghalih jew li dik kienet ir-raguni ghalfejn fil-fatt hu hareg mill-karozza u xejn iktar. In fatti sostna li l-unika raguni ghalfejn hareg mill-karozza kien minhabba l-fatt li sab l-imputat mal-karozza tieghu ihabbatlu maghha u jghajjat.

*"I wasn't the first one, he was on the other side of the car. He get out shouting and offending me and he come to my door. Then I have to get out of the car."*[22]

[21] Folio 41 ta' l-atti processwali

In kontro ezami x-xhud spjega li mar fuq quddiem tal-karozza tieghu sabiex jehodlu ritratt wara li kien tah daqqa ta' ponn u mhux apposta sabiex izommu hemm u ma jhallihx jitlaq.

Il-verzjoni ta' l-imputat

Meta kien sehh l-incident, il-pulizija kienu tkellmu ma' l-imputat fejn stqarr li kien:

*"niezel fejn tal-coca l-antika fejn il-pompa u t-triq taghlaq hemmhekk u beda jissikkani bil-karozza biex jghaddi hu. Daqqejtlu l-horn u waqaf u qabad jghajjat u nzilt mil-karozza biex nara x'gara. Beda jghajjat f'wicci u qal li ha jcempel lil pulizija u ghedtlu mhux problema jien. Ghalaqli t-triq ghax intefa quddiem il-karozza biex ma nitlaqx u x'hin soqt hu ntelaq mal-karozza mal-mudguard."*[23]

Madankollu mil-provi prodotti ma jirrizultax li ttiehdet stqarrija ta' l-imputat li fiha hemm imnizzel b'mod ufficjali l-verzjoni ta' l-imputat.

Minkejja d-dritt ta' l-imputat li jaghzel li ma jixhidx, l-imputat ghazel, b'mod volontarju, li jaghti x-xhieda tieghu viva voce quddiem il-Qorti.[24]

Mix-xhieda ta' l-imputat irrizulta li dak in-nhar ta' l-incident:

*"…waqt li jiena ghaddej, giet karozza warrajja, qabad idoqqli l-horn, jdoqq jdoqq jdoqq, hareg rasu mill-karozza joffendini.*

….

*Waqaft ha nara x'inhi l-problema ghalfejn qed idoqqli l-horn, u sa frattant nizel hu ukoll.*

….

---

[22] Folio 54 ta' l-atti processwali
[23] Folio 25 ta' l-atti processwali
[24] Folio 128-134 ta' l-atti processwali

*Hrigt mill-karozza, hareg hu ukoll, ghedtlu what happened? Qabad imbuttani, beda jkellimni bit-taljan, b'lingwa taljana beda joffendini, imbuttani u mbuttajtu lura, rajtu dahal idejh fil-but u tlajt nigri fil-karozza, sa dan it-tant il-karozza tieghi kienet ghadha startjata.*

….

*Bzajt li ser johrog xi haga minn gol-butt ghalija. Dahhal idejh mill-but, bzajt li ser jgib xi mus jew xi haga mill-but tlajt fil-karozza, kif tlajt fil-karozza biex nitlaq, ghax bzajt ghedt ha mmur lil hemm, kont sejjer l-ghassa, gie fuq wara u ntefghali fuq il-mudguard tal-karozza, kif rajt ezatt u jiena nsuq ttawwalt fuq mill-mera u bqajt sejjer ezatt lejn l-ghassa.*

…

*Il-moviment li ghamel, kif qlajt jiena gie minn naha tal-gemb tal-passigier, u ntefali fuq il-mud guard tal-karozza, jiena ovvjament qlajt uwx, u x'hin qieghed nsuq, rajt li mhux qieghed mal-art u hekk rajtu ghadu bil-wieqfa u bqajt sejjer l-ghassa."*

Mistoqsi mill-Qorti jekk il-vittma ghad kien hareg xi arma ghalih stqarr li le.

Meta kien mistoqsi x'kienet l-intenzjoni tieghu meta saq l'hemm spjega li l-intenzjoni tieghu kienet li jitlaq l'hemm u ma ried iferi lil hadd jew jaghmel hsara lil hadd.

Rigward il-fatt li zewg xhieda okkulari xehdu b'fatti differenti ghalih, l-imputat tenna:

*"Ifhimni, x'raw huma ma nafx jiena, imma huma kienu terga wara l-karozza tieghu, kif rawna ezatt ma nistax nghidlek, jien li nista nghidlek li meta rajthom hawnhekk ma jaqblux mal-affarijiet kif inhuma. Ma qablux mal-fatti kif ghalija huma."*

Meta kien mistoqsi fuq in-natura tal-griehi tal-vittma, l-imputat ma kienx kapaci jaghti spejgazzjoni ghalfejn il-parte civile wegga fuq il-pexxun ta' riglu,

min-naha ta' wara, meta skond hu, l-parte civile intefa fuq il-*mud guard* tieghu minn quddiem.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti gharblet sew ix-xhieda ta' l-imputat u ma tinstabx konvinta li hija ghal kollox mis-sewwa. L-imputat jiggustifika l-ghemil tieghu fuq allegat biza' li l-parte civile kien ser johrog arma ghalih. Din il-Qorti, meta qiset ix-xhieda tal-vittma, kif ukoll ix-xiehda okulari li m'ghandhom ebda interess f'din il-kawza, ma tinsabx konvinta mill-verosimilita' tal-verzjoni ta' l-imputat. Filwaqt li hemm qbil li sar incident bejniethom, il-verzjoni ta' l-imputat tikkuntrasta ghal kollox ma dik tax-xhieda l-ohra.

Jidher li dan kien kaz, kif gieli jigri fit-toroq ta' *road rage* u fil-frustazzjoni tal-mument l-imputat hebb ghall-parte civile billi tah daqqa u saq bil-karozza fid-direzzjoni tieghu.

Madankollu filwaqt li din il-Qorti hija konvinta li l-imputat ikkaguna griehi hfief fuq il-vittma bl-imgieba tieghu u dan permess ta' sewqan traskurat ma tikkunsidrax li tressqu provi sodisfacenti li juri li l-intenzjoni primarja ta' l-imputat kienet sabiex jikkaguna griehi gravi fuq il-parte civile.

Huwa risaput li sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hija mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

*"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

L-istess ma jistax jinghad fir-rigward ta' tentattiv ta' offiza volontarja, fejn f'dan il-kaz, il-Qorti ghandha jkollha prova ta' l-intenzjoni tal-imputat li jikkawza l-konsegwenza tentata minnu. Dwar dan l-**Antolisei** jghid hekk:

*"Quanto al tentattivo, la nostra concezione porta ad ammettere che possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentattivo sia ipotizzabile, non è dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt' altro che infrequente nella pratica, dell' individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregarla, senza riuscire a colpirla nel viso."* (Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale 1, P. 79).

Anke fis-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Dominic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) b'referenza ghal dak li jghid l-Antolisei fir-rigward, fissret illi:-

*"Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati tal-Gustizja Kriminali taghna u cioe li jista jkollok tentattiv ta' offiza gravi jew gravissima* ***purche` jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew gravissima skond il-kaz****."*

Applikati dawn l-insenjamenti ghall-kaz in ezami, wiehed irid allura jistabbilixxi jekk l-imputat kellux, meta saq u korra lill-parte civile, l-intenzjoni diretta jew indiretta li jikkawzalu l-offiza gravi jew gravissima. M'hemmx dubju li l-imputat fl-azzjoni tieghu wegga' lill-parte civile u li kellu, mill-inqas, l-intenzjoni generika li jwegga' lil Koyuncu. Din l-analizi trid issir kemm fid-dawl li effettivament l-imputat spiccat laqtet lil Koyuncu bil-karozza kif ukoll fid-dawl li l-istess Elton Theuma iddikjara li ma kellux intenzjoni li jikkawza ferita gravi gravi lil vittma.

Dwar dan, din il-Qorti sejra taghmel ampja referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Polidano** deciza fit-12 ta' Dicembru 2007 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn inghad:

*"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland [W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978]:*

*""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[Para. 7.28, pp. 232-233.]*

*"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk" [Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight.]" u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:-*

*""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it.*

*… … …*

*"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk. [Gerald Gordon, op. cit. para. 7.53, pp. 245-246.]".*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament ghandu jinghad li "***meta l-konsegwenzi ta' ghemil jitqiesu li jkunu probabbli, anke jekk mhux ukoll pozittivament deziderati, dawn jidhlu fid-definizzjoni tal-intenzjoni kriminali***

***indeterminata***" (ara **Pulizija vs Paul (Peter Paul) Sheehan** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Gunju 2020).

Fis-sentenza appena citata, dik il-Qorti tghid hekk:

> *"Kif ighid il-gurist Francesco Antolisei:-*
>
> *"… il dolo sussiste tutte le volte che il reo ha previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un pregudizio all'integrita` personale del paziente ed ha agito al fine o a costo di cagionarlo."*
>
> *Imbaghad, skont il-Carrara:-*
>
> *"Se quando si omise di calcolare tutti gli effetti possibili del proprio atto si fosse preveduto (o come possibili o come probabili) che quello effetto ne potesse derivare, si avrebbe un dolo indeterminato, ma non piu` una colpa."*
>
> *Skont il-Blackstone:- "'Willfully', which has some similarities with 'malice' since it dates from an earlier legislative vocabulary should not be understood in its most obvious or literal sense of 'deliberately' or 'voluntarily'. It is now taken as a composite word to govern both intention and recklessness."*
>
> *Fir-rigward l-element partikolari ta' recklessness, l-istess Blackstone jesponi s-segwenti formula biex jigi determinat jekk l-agent jistax jitqies li jkun agixxa b'intenzjoni mehtiega ghas-sejbien ta' htija fuq akkuza li kkaguna hsara kriminuza:-*
>
> *"A person acts recklessly . . . with respect to-*
> *(i) a circumstance when he is aware of a risk that it exists or will exist;*
> *(ii) a result when he is aware of a risk that it will occur;*
> *and it is, in the circumstances known to him, unreasonable to take the risk."*

*Imbaghad jghid ukoll:-*

*"In the context of alleged criminal offences there will often be no plausible justification for running the risk (e.g., of wounding someone) and so often the foresight of any degree of risk, of the mere possibility of injury, may be sufficient. The greater the justification for running a risk, the higher the degree of foreseen risk which will be required to constitute recklessness.*

*Applikat dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz in dizamina, il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar din il-materja, tqis illi* ***l-imputat, meta spara z-zewg tiri lejn il-vettura ta' Smith, bla dubju seta' jew messu jipprevedi, minghajr wisq hsieb jew diffikolta`, illi tali agir kien ser jikkawza xi forma ta' offizi gravi. Tqis ukoll illi dan l-agir ma kienx gustifikat fic-cirkostanzi tal-kaz****, u dan kif diga` ampjament stabbilit. Dan premess, il-Qorti ma tistax taccetta d-difiza li meta l-imputat spara t-tiri lejn il-vettura ta' Smith, huwa la ried u lanqas seta jipprevedi l-event dannuz konsistenti f'offizi gravi fuq il-persuna ta' Smith u li l-intenzjoni tieghu kienet unikament illi jwaqqfu."* (pp.37-38).

L-istess jista' jinghad f'dan il-kaz: l-imputat ma jistax tghid li huwa ma setax jobsor li seta' jikkaguna offiza gravi jew sahansitra gravissima, fl-agir taghha bl-uzu tal-karozza. Madankollu, il-Qorti qiset ukoll li l-karozzi kienu wieqfa hdejn xulxin go traffiku u ma kinux ghaddejjin b'xi velocita partikolari. Qieset ukoll li l-imputat kienu ghadu kif kellu argument mal-vittma li hareg il-mobile u beda jaghmel uzu minnu, kif qiset li dan kien incident izolat ta' zewg persuni li qatt ma kienu jaf lil xulxin.

Filwaqt li m'hemmx dubju li l-imputat messu esercita aktar kontroll, din il-Qorti tqis li l-provi kif imressaq mill-prosekuzzjoni ma jaslux b'mod seren,

sal-grad rikjest mill-ligi li kien hemm l-element li jirreka l-intezjoni posittiva indiretta li jikkaguna offiza gravi jew sahansitra gravissima fil-konfront tal-vittma.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li l-imputat m'ghandux jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni u ghandu jigi liberat minnha, izda hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u sejra tghaddi sabiex issib htija dwarhom.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, din il-Qorti tinnota li uhud mill-griehi sofferti mill-parte civile huma kompatibbli ma' grif wara waqgha, u li huma kollha fl-istess naha tal-gisem. Filwaqt li l-parte civile u x-xhieda okulari t-tnejn jikkonfermaw li l-imsemmi Koyuncu intlaqghat mill-vettura tal-imputat u li waqa' b'tali daqqa, l-imputat jghid li l-parte civile kien u baqa' bil-wieqfa. Mill-gdid, din il-Qorti ma hija konvinta xejn mill-verzjoni moghtija mill-imputat. Huwa veru li f'sitwazzjonijiet bhal dawn il-perspettiva ta' naha u ta' ohra taf tvarja, pero' dan ma jfissirx li l-fatti jinbidlu dijametrikament bejn wahda u ohra. Il-Qorti tqis li l-verzjoni moghtija mill-parte civile u dik tax-xhud okulari Lydia Sant, maghduda mal-griehi sofferti mill-istess Koyuncu, huma ferm aktar verosimili minn dik tal-imputat. Konsegwentement, m'hemmx dubbju li s-sewqan tal-imputat ghandu jitqies bhala wiehed traskurat u perikoluz u li ghandu jinstab hati ta' dik l-akkuza wkoll.

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 533, 41(1)(a), 214, 215, 216, 218, 221(1) u 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Elton Theuma:

**Mhux hati** ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u tilliberah minn kull htija, izda;

**Hati** tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah multa ta' elf Euro (€1,000) fir-rigward it-tieni imputazzjoni, u multa ta' elf Euro (€1,000) fir-rigward it-tielet imputazzjoni, komplessivament, ghalhekk, ghal multa ta' elfejn Euro (€2,000).

Il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ukoll tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien xahar wiehed (1) millum liema terminu ghandu jibda jidekorri minn nofs il-lejl ta' l-ghada ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Elton Theuma taħt obbligazzjoni teighu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeda tawtorizza li l-multa tithallas fi zmien ghoxrin (20) xahar b'pagamenti mensili ta' mhux anqas minn mitt Euro (€100) fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza u b' pagamenti ekwivalenti

konsekuttivament u mhux interrotti fit-tnax (12)-il jum ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza u fin-nuqqas ikun konvertibbli f'prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar it-12 ta' Ottubru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**